MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Mandat Numru. 997/2009/1

**Sunshine Biscuits Company Limited (C19657)**

**-vs-**

**Polidano Bros Limited (C8884)**

**Il-Qorti ;**

**Rat** ir-rikors prezentat mis-socjeta’ rikorrenti fit-12 ta’ Gunju 2009 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimata milli –

**Tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b’titolu oneruz jew gratuwitu xi propjeta’, u b’mod partikolari seba’ mija u sitta u hamsin elf (756,000) sehem ordinarju tal-valur nominali ta’ Euro tnejn u tlieta u tletin Euro centezmi (€2.33) li l-intimata tissottoskrivi fil-kumpannija MIDI P.L.C. li ggib in-**

**numru ta’ registrazzjoni ittra C wiehed hamsa tmienja tlieta sitta (C15836) kostitwita fil-31 ta’ Jannar 1994.**

**Rat** ir-ragunijiet li gabet is-socjeta’ rikorrenti sabiex tiggustifika t-talba taghha ghall-hrug tal-mandat, liema ragunijiet kienu debitament konfermati bil-gurament minn rapprezentant taghha.

**Rat** id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

**Rat** id-digriet taghha tat-12 ta’ Gunju 2009 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament u ordnat in-notifika tal-atti lis-socjeta’ intimata.

**Rat** li ghalkemm is-socjeta’ intimata kienet debitament notifikata fit-12 ta’ Gunju 2009 (*tergo* ta’ *fol*.6) ma pprezentatx risposta.

**Rat** li ghalkemm ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-1 ta’ Lulju 2009 fl-10.30 a.m., irrizulta li fid-19 ta’ Gunju 2009, kien prezentat kontromandat numru 1038/2009, li kien akkordat dakinhar stess tad-19 ta’ Gunju 2009 minn din il-Qorti (diversament presjeduta) u fejn kienet indikata bhala raguni ghall-istess – “*stante ftehim bejn il-partijiet’*.

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta’ Lulju 2009 ma deher hadd.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn ir-rikors thalla ghal digriet *in camera.*

***In vista* tal-kontromandat Nru. 1038/2009 dekretat favorevolment fid-19 ta’ Gunju 2009, din il-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tar-rikors odjern.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------